MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 153/2014

**Mobsile Communications Ltd C-24655**

**vs**

**Doriana Buttigieg ID 508681M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Marzu 2014, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija, u zewg Ewro wiehed u tlettin centezmi (€502.31c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota ta cessjoni rigwardante s-sorte pprezentata fit-23 ta' Ottubru 2014 fejn is-socjeta' attrici nfurmat lit-TRIBUNAL li fil-mori tal-kawza l-konvenuta hallset l-ammont ta' hames mija u zewg Ewro wiehed u tletin centezmu (€502.31c)

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, l-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta fl-14 ta' Jannar 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-

seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-thallas l-ispejjez u l-imghax kollu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------